**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 471/2016 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Sebastiano Violante**

**Illum it-Tnejn 10 t'April, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Sebastiano Violante, ta' 37 sena, iben il-mejjet Salvatore u Natalizia xebba Sambito, imwieled gewwa Siracuza, Sqallija nhar it-28 ta' Novembru, 1978, residenti gewwa San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 83851A.

Akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta' Awissu ta' l-2016, ghall-habta ta' bejn it-8:00 a.m. u t-8:30 gewwa Bahar ic-Caghaq limiti tan-Naxxar u f'dawn il-gzejjer; ikkommetta serq semplici ta' mija u hamsa u sittin Ewro (€165) ghad-detriment ta' Petra Vildova u Vladislav Arekhov, u dan bi ksur ta' artikolu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat ukoll talli bejn it-12 u l-14 ta' Awwissu ta' l-2016, gewwa Bahar ic-Caghaq limiti tan-Naxxar u f'dawn il-gzejjer; ikkommetta serq minn gewwa vettura b'numru CBL-086 ta' l-ghamla Mitsubishi, ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-mezz ta' hames Ewro fi flus u ta' mowbajl charger b'valur ta' hames Ewro, ghad-detriment ta' David Attard.

3. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq vettura b'numru CBL-086 ta' l-ghamla Mitsubishi, fejn l-ammont ma jiskorriex l-elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' David Attard.

4. U aktar talli nhar it-18 ta' Awwissu, 2016 bejn il-05:00 p.m. u s-06:00 p.m., gewwa Bahar ic-Caghaq limiti tan-Naxxar u f'dawn il-gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura numru CBR-789 ta' l-ghamla Toyota, fejn l-ammont ma jiskorriex l-elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Stefan Bezzina.

5. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkometti serq aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa minn gewwa vettura numru CBR-789 ta' l-ghamla Toyota, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

6. U akkuzat ukoll talli nhar it-18 ta' Awwissu ta' l-2016, bejn is-06:00 a.m. u l-10:00 a.m. gewwa Bahar ic-Caghaq limiti tan-Naxxar u f'dawn il-gzejjer;

ikkometta serq minn gewwa vettura b'numru AAA-414 ta' l-ghamla Hyundai, ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ta' tletin Ewro (€30) fi flus kontanti, ghad-detriment ta' Gaetano Micallef.

7. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura b'numru AAA-414 ta' l-ghamla Hyundai, fejn l-ammont ma jiskorriex il-mitejn u hamsin euro (€250), ghad-detriment ta' Gaetano Micallef.

8. U akkuzat ukoll nhar l-14 ta' Awwissu tal-2016, ghall-habta ta' bejn it-08:30 a.m. u 06:15 p.m. gewwa Bahar ic-Caghaq limiti tan-Naxxar u f'dawn il-gzejjer; ikkommetta serq minn gewwa vettura b'numru AAJ-641 ta' l-ghamla Subaru, ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ta' diversi oggetti liema valur ma jiskorriex il-valur ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-detriment ta' Angelo Mallia.

9. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel il-hsara jew gharraq vettura b'numru AAJ-641 ta' l-ghamla Subaru, fejn l-ammont ma jiskorriex l-elfejn il-mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Angelo Mallia.

10. U akkuzat ukoll talli nhar it-30 ta' Awwissu ta l-2016 bejn l-04:20 p.m. u 04:30 p.m. gewwa Bahar ic-Caghaq limiti tan-Naxxar u f'dawn il-gzejjer; ikkommetta serq ikkwalifikat bix-xorta l-haga misruqa minn gewwa vettura b'numru RUP-111 ta' l-ghamla Nissan, ta' mija u tlieta u tmenin Ewro fi flus kontanti (€183), ghad-detriment ta' Rupert Baldacchino.

11. U akkuzat ukoll talli nhar id-29 ta' Awwissu ta' l-2016, bejn it-08:00 a.m. u l-9:45 a.m. gewwa Triq Qalet Marku n-Naxxar u f'dawn il-gzejjer; ikkommetta serq minn gewwa vettura b'numru HEL-162 ta' l-ghamla Peugeot, ikkwalifikat bil-mezz u mix-xorta tal-haga misruqa ta' tletin Ewro (€30) fi flus kontanti, ghad-detriment ta' Emanuel Caruana.

12. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura b'numru HEL-162 ta' l-ghamla Peugeot, fejn l-ammont ma jiskorriex il-mitejn u hamsin euro (€250), ghad-detriment ta' Emanuel Caruana.

13. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. J. Demicoli nhar is-26 ta' Novembru, 2014, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

U aktar talli sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi gew decizi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur li kien qed imexxi l-kaz dak iz-zmien l-ex Spettur Luke Bonello, qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 2 ta' Settembru, 2016.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja immarkat bhala Dok LB1, stqarrija rilaxxjata mill-imputat fl-1 ta' Settembru, 2016 immarkata bhala Dok LB2, fedina penali ta' l-imputat immarkata bhala Dok LB3, NPS-PCR Person Details form immarkata bhala Dok LB4, zewg karti tal-identita' tal-imputat a fol 21 tal-process, u zewg ircevuti mmarkati bhala Dok SB1 u Dok SB2.

Wara li sar l-ezami ta' l-imputat ai termini ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li m'huwiex hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Fis-seduta tas-6 t'April, 2017 il-Qorti semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet ix-xhieda ta' Kenneth D'Amato fejn qal li nhar il-21 t'Awwissu 2016 ghal habta tat-8:30 a.m kien qieghed wara l-istabbiliment Splash & Fun gewwa Bahar ic-Caghaq u kien qieghed mal-familja tieghu. Fil-pront lemah zewgt irgiel jigru wara xulxin fejn wiehed rikeb karozza u telaq. Kenneth D'Amato ssuspetta li dak li telaq bil-karozza kien ghadu kemm seraq lir-ragel l-iehor u ghalhekk ha notament tan-numru tar-registrazzjoni tal-vettura billi kiteb l-istess numru fuq hajt permezz ta' gebla, u cempel lill-pulizija. Il-vittma kien ta' nazzjonalita' Russa u qal lil Kenneth D'Amato li l-halliel kien hadlu l-kartiera.

Stefan Bezzina jghid li fit-18 t'Awwissu, 2016 wara nofsinhar mar sa Bahar ic-Caghaq jghum u meta tela' lura lejn il-vettura tieghu tal-ghamla Toyota Vitz, bin-numru ta' registrazzjoni CBR 789, sab li xi hadd ipprova jisgassaha. Bhala hsarat, Stefan Bezzina kellu jbiddel il-pum tan-naha tax-xufier, zewg sellaturi kemm in-naha tal-passiggier u kemm in-naha tax-xufier u xi ghafis zghir.

Illi dwar il-piena, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija rregistrata mill-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti ma kelliex ghalfejn tahli izjed hin biex tigbor provi.

Fir-rigward tal-piena li se tigi imposta l-Qorti rat il-fedina penali ta' l-imputat u jidher li l-imputat diga' kien instab hati ta' reati simili ghal dawk li jinsab akkuzat

bihom hawnhekk, u ghalhekk jidher li l-imputat ma fehem xejn mill-izbalji li ghamel, fil-fatt gie addebitat l-aggravju tar-recidiva fil-konfront tieghu. Madanakollu semghet lill-ufficcjal prosekutur jiddikara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija kull meta kien hemm bzonn. Ghalhekk il-Qorti minhabba l-ammissjoni bikrija u ghal dak li gie dikjarat mill-Ufficcjal Prosekutur ma thossx li ghandha tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva.

Madanakollu l-imputat ghat-tieni darba gie jaqa u jqum mil-Ligijiet ta' pajjizna, u ghalhekk ghar-rigward ta' persuni bhall-imputat il-Qorti theggeg lill-awtoritajiet biex juzaw il-poter li taghtihom il-Ligi u jiehdu passi drastici kontra nies bhall-imputat b'dan li jitkeccew minn pajjizna.

Il-Kapitolu 217 li huwa l-Att dwar l-Immigrazzjoni f'Artikolu 5 jiddefenixxi min huma
l-immigranti "projbiti":

5*. (1) Kull persuna, li tkun waħda li ma jkollhiex id-dritt ta' dħul, jew ta' dħul u residenza, jew ta' moviment jew transitu taħt it-Taqsimiet precedenti, tista' tigi rifjutata milli tidħol, u jekk hija tizbarka jew tkun qegħda f'Malta mingħajr il-permess tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, hija tkun immigrant projbit.*

*(2) Anke jekk tkun nizlet l-art jew tkun f'Malta bil-permess tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni jew tkun ingħatat permess għal residenza, persuna tkun, kemm-il darba ma tkunx ezentata taħt dan l-Att minn xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li gejjin jew ikunu japplikaw dwaru regoli specjali taħt id-disposizzjonijet ta' qabel ta' dan l-Att, immigrant projbit ukoll -*
*(a) jekk ma tkunx tista' turi illi għandha l-mezzi biex tmantni lilha nnifisha u lid-dipendenti tagħha (jekk ikollha) jew jekk ikun hemm probabbilta li hi jew xi ħadd mid-dipendenti tagħha ser ikunu ta' spiza għal kariga tal-fond pubbliku; jew*
*(b) jekk tkun tbati minn dizordni mentali jew tkun mentalment deficjenti; jew*
*(c ) jekk, meta tkun nizlet l-art f'Malta skont jew taħt xi regolament magħmul bis-saħħa tal-artikoli 44 u/jew 50 tal-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, tkun għada*

*f'Malta wara li jgħaddu ħmistax-il jum mill-jum li fih is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jkun iccertifika bil-miktub illi l-permanenza ta' dik il-persuna f'Malta mhix izjed meħtiega skont u għall-iskop ta' dawk ir- regolamenti; jew*

*(d) jekk tinstab ħatja minn qorti ta' gurisdizzjoni kriminali f'Malta ta' reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni jew tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew ta' xi delitt, minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna, li fil-kaz tal-ewwel delitt ikun kommess minn dik il- persuna suggett għal piena ta' prigunerija għal zmien ta' mhux anqas minn sena jew, fil-kaz tat-tieni delitt jew delitt sussegwenti kommess mill-istess persuna, ikun suggett għal piena ta' prigunerija għal zmien ta' mhux anqas minn tliet xhur; jew*

*(e) jekk tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu; jew*

*(f) jekk ma tħarisx jew ma tibqax tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet, inkluza kondizzjoni mifhuma, li taħthom tkun ingħatat permess li tinzel l-art jew li tinzel l-art u tibqa' f'Malta jew tkun ingħatat permess għal residenza; jew*

*(g) jekk xi cirkostanza li wasslet għall-għoti ta' permess biex tinzel l-art jew biex tinzel l-art u tibqa' f'Malta jew għall-estensjoni ta' dak il-permess jew għall-għoti ta' permess għal residenza, ma tibqax tezisti; jew*

*(h) jekk dik il-persuna tkun prostituta; jew*

*(i) jekk tkun dipendenti ta' persuna li hija immigrant projbit skont xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan is- subartikolu.*

Decide:

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 49, 50 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni cara u inekwivoka tieghu stess issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, testendi t-terminu tal-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza imposta fis-26 ta' Novembru 2014 (Qorti tal-Magistrati per Magistrat Dr. Saviour Demicoli) ghal perjodu iehor ta' erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li minhabba li l-imputat huwa ta' theddida ghall-ordni pubbliku ta' pajjizna, ghandu jigi ripatrijat f'pajjizu b'effett immedjat u dan skont kif jipprovdi Artikolu 5(2)(a)(d) tal-Kap 217 l-Att dwar l-Immigrazzjoni tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**